# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' GUNJU 2001**

**Avviz Nru 1152/99DM**

**Melita Insurance Agency Ltd**

**Vs**

**David Borg Saydon**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma komplessiva ta' Lm301.16 tlett mija u lira u sittax-il centezmu, u dana stante illi meta kien impjegat mas-socjeta attrici, il-konvenut kien gabar is-somma imsemmija rappresentanti il-premium dovut fuq polza ta' assigurazzjoni ta' Emanueal Parnis, minkejja illi l-konvenut kien obbligat illi jghadi dawn il-flus lis-socjeta' attrici il-konvenut naqas milli jghamel dan b'detriment ghall-istess socjeta' attrici.

Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi Lm10 tal-konsult kontra l-konvenut li gie  ngunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Borg Saydon fejn eccepixxa:

1 Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peres illi mhux minnu illi l-eccipjent naqas milli jghadi l-flus imsemmija;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-12 ta' April 2000 fejn il-konvenut iddikjara illi l-eccezzzjonijiet tieghu ghandha tiftihem fis-sens illi huwa kien verament ircieva minghand Robert Grech il-flus imhallsa minn Emanuel Parnis u illi t-talba attrici hija nfondata ghaliex huwa kien ghadda l-istess somma lil Frank V. Fenech.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat  l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut, fil-perijodu li kien impjegat mal-atturi, fost id-doveri tieghu kien inkarigat biex jigbor hlasijiet ta' 'premiums' in kontantili jkunu ghamlu assikurati tal-atturi fil-fergha tal-Mira Motors.

Evidentement, il-konvenut kien obbligat li jgborr u jghaddi dawn il-flus, li kien awtorizzat li jigbor, lid-dipartiment appositu fl-ufficju tal-kumpanija attrici.

Billi l-konvenut jammetti li effettivament huwa kien gabar minn ghand Robert Grech is-somma indikata fl-avviz u li din kienet in kontanti, izda jsosstni li huwa ezegwixxa l-inkarigu u fil-fatt hallas il-flus migbura lil Frank V. Fenech, direttur tal-kumpanija attrici, l-oneru tal-prova li ghamel dan il-hlas huwa fuqu.

Minn-naha tieghu l-imsemmi Frank Fenech jichad li huwa kien rcieva xi flus minn ghand il-konvenut.

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova diretta dwar l-allegat hlas, l-ghazla bejn dawn iz-zewg verzjonijiet kontradittorji tiddependi fuq ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz.

Stante il-procedura adottata mill-kumpanija li ma tkoprix lill-impjegat bl-ghoti ta ricevuta kull meta jikkonsenja l-flus, ma huwiex rikjest li l-konvenut jipproduci ricevuta in sostenn tal-allegazzjoni tieghu.

Izda minn-naha l-ohra l-konvenut ma gabx spjegazzjoni sodisfacenti ghaliex fl'okkazjoni in kwistjoni huwa ghazel li jghaddi l-flus lid-direttur personalment u mhux lid-dipartiment appositu li presumibilment kien jirregistra dak il-hin l-allegat pagament.

Il-konvenut jsosstni  li dan il-pagament allegat sar gurnata ta' nhar ta' Gimgha bejn is-1.30 u s-2.00 p.m. u ma tirrizulta ebda raguni ghaliex ghazel din it-triq li pprivatu minn ebda registrazzjoni tal-pagament.

L-istess konvenut lanqas ma eziga xi forma ta' ricevuta dwar l-allegat hlas u presumibilment strah fuq il-fiducja li kellhu fid-direttur.

L-asserzjoni tal-konvenut dwar il-fiducja li kellhom fih id-diretturi tal-kumpanija attrici ma tghinx lid-difiza tieghu u huwa jrid jassumi r-responsabilita' ghas-sitwazzjoni li jinsab fiha fejn m'ghandu ebda indizju indikattiv tal-allegat pagament favur tieghu.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici, fic-cirkostanzi tal-kaz, hija gustifikata u ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi is-somma mitluba ta' Lm301.16 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghax legali b'effett mit-28 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 25